


# Tumas Dingli, William Baker u Mikelanġ Sapiano

## *Ħadmu biex tawna Knisja u Kampnar sbieħ*

**Tony Mangion**

Jekk tkun riesaq lejn il-Gudja, minn liema naħa tkun ġej, jekk hux min-naħa ta' Ħal Far li qabel konna nafuh bħala l-Karwija, jekk hux min-naħa ta' Ħal Luqa, jew min-naħa ta' Ħal Għaxaq u Birżebbuġa, jew forsi tkun ġej min-naħa ta' Ħal Tarxien, l-ewwel ma jolqtok huwa l-bini maestuż tal-Knisja Parrokkjali u Arċipretali. Jolqtok b'mod partikulari il-kampnar ta' William Baker.

Il-knisja parrokkjali li tinsab fl-aktar parti għolja tal-Gudja, inbniet fis-sena 1656 meta bħala Kappillan kellna lil Dun Giovanni Gatt. Din l-opra hekk sabiħa ġiet iddisinjata mill-magħruf Tumas Dingli li kien diġà ddisinja tliet knejjes oħra qabel dik tal-Gudja, fil-fatt il-Knisja tagħna hi l-aħħar xogħol tiegħu għaliex wara ftit miet. Tumas kien ried li mal-Knisja jinbena kampnar wieħed, u hekk sar, però maż-żmien inħatt biex floku nbena kampnar ġdid li ngħata l-isem ta' William Baker għad-disinjatur Ingliż. Fil-fatt għadna naraw ritratti antiki fejn juru li mal-faċċata ma kien hemm l-ebda kampnar.

Għidna li l-kampnar li kien inbena fuq id-disinn ta' Tumas Dingli kien inħatt. Dan għaliex kien qed joħloq xi ħsarat fil-bini tal-knisja f'dik il-parti li kienet marbuta miegħu.

Biex niftehmu aħjar, kienet saret ħsara mal-ħajt fejn hemm l-altar tal-kurċifiss, Il-providenza riedet li mal-forzi armati Ingliżi li kienu stazzjonati fil-Karwija u Ħal Safi, kien hemm arkitett bl-isem ta' William Baker, li jidher li kien midħla sew tal-Gudja, u li għamel ħafna ħbieb minn fost il-Gudjani u kien faħħarhom ħafna għax ħassu li kien tant milqugħ minnhom.

Dan William Baker meta sar jaf li l-Gudjani xtaqu kampnar ieħor minflok dak li kien jeżisti, għamel disinn tal-kampnar li hemm illum, mingħajr ma tħallas għal xogħlu. Għamel hekk biex juri l-apprezzament tiegħu lejn il-poplu Gudjan. Il-kampnar il-ġdid inbena fl-1856.

Dan il-kampnar jidher minn ħafna postijiet 'il bogħod, għaliex huwa għoli mija u għoxrin pied mill-art sal-ponta ta' fuq nett. Peress li qiegħed mibni għalih waħdu u nistgħu narawh mill-pedament sal-ponta ta' fuq, wieħed jinnota li l-forma tiegħu hija kwadra, sa ftit 'il fuq minn fejn hemm il-qniepen, u mbagħad ikompli fuq forma tonda poġġuta fuq pilastri għoljin. Fil-ponta tiegħu nsibu salib tal-ġebel li jidher qed jiġi miżmum minn żewġ angli.

Fil-fatt insibu żewġ anġli oħra ta' kobor ta' bniedem fuq il-gallarija tal-kampnar li hi mdawra b'numru ta' balavostri intornati fil-ġebla maltija. Għandu wkoll żewġ anġli, iżommu speċi ta' girlanda maħduma fil-ġebel, mad-dawra tal-arloġġ.

Madwar għaxar snin ilu kien sar xogħol estensiv fuq dan il-kampnar u saħansitra kienu ġew mibdula anke xi partijiet minnu għaliex kienu tmermru, speċjalment bl-irjieħat li ġew minn naħa tal-baħar ta' Birżebbuġa, li ġabu magħhom arja mielħa li għamlet ħafna ħsara lil xi ġebel, li saħansitra ġabithom











fi stat perikoluż ħafna.

L-ispejjeż li kien hemm bżonn għar-restawr tal-kampnar inġabru kollha mill-poplu Gudjan.

Bħala Maltin, komparati maddaqs ta' pajjiżi oħra fl-Ewropa, aħna għandna x-xorti tajba li għandna ħafna siti u monumenti storiċi u ta' interess ġenerali, u għaldaqstant il-Gudjani huma wkoll iffortunati li għandna din il-binja. Ħafna kienu l-kittieba magħrufa li faħħru dan il-kampnar, Achille Ferres, kittieb taljan, fil-ktieb tiegħu Descrizione Storika tal-Knejjes ta' Malta u Għawdex, li ħareġ fl-1966, faħħar ħafna u kiteb fit-tul fuq dan ix-xogħol ta' Baker.

F'dan il-kampnar hemm arloġġ b'minutiera waħda, mibni kollu kemm hu minn mastru Mikelanġ Sapiano li kien arluġġar u mekkaniku ta' fama kbira li twieled fissena 1826 u miet fl-età ta' 86 sena fid-dar tiegħu f'Ħal Luqa. Fil-fatt is-sena l-oħra, il-Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa poġġa plakka mad-dar fejn għex u ħadem Mikelanġ bħala tifkira għażiża tal-mitt sena mill-mewt tiegħu. Dan l-arloġġ li ġie jiswa 30 liri sterlini, għandu l-faċċata tiegħu b'numri Rumani li hu faċli ħafna biex wieħed jifhmu. L-arloġġ għandu l-ħabel li jaħdem bil-kontrapiż u għalhekk insibu żewġ speċi ta' sferi tqal li mal-ħin jibdew neżlin l-isfel bil-mod il-mod sakemm jaslu s'isfel tal-kampnar, sakemm xi ħadd jerġa' jgerbibhom 'il fuq b'imradd żgħir u b'hekk l-arloġġ jerġa' jingħata l-ħabel.

F'dan il-kampnar, fil-parti kwadra tiegħu nsibu erba' qniepen li l-ħoss tagħhom isaħħar bil-kbir, għat-tonalità tagħhom, lil min jismagħhom. Saru ġo funderija fl-Ingilterra eżattament f'Londra, mid-ditta ingliża John Warner. Il-prezz tagħhom kien ta' ftit inqas minn 500 sterlina, li kienet ukoll il-munita tagħna l-Maltin. L-Arloġġ li semmejna iktar 'il fuq għandu komunikazzjoni ma' żewġ qniepen li huma l-qanpiena ż-żgħira u mal-qanpiena msejħa l-fustanija, li minnhom jinstemgħu mill-bogħod it-tokki tas-sigħat flimkien mat-tokki tal-kwarti.

Fl-antik l-arloġġi tal-idejn ma kinux daqsekk komuni, l-arloġġi li kellhom kienu jissejħu tal-but, li bħall-polka, kienu jintlibsu biss fil-Ħdud u l-festi. Għaldaqstant l-arloġġ tal-knisja kien jiswa mitqlu deheb għal min ikun fl-għelieqi jew x'imkien 'il bogħod. Filgħodu kmieni qabel tlugħ ix-xemx kien jindaqq il-Paternoster u wara kienu jindaqqu t-Tmienja u Nofsinhar, allura n-nies kienu jaddataw ħajjithom fuq dan l-imbierek arloġġ. Filgħaxija meta tkun waslet biex tinżel ix-xemx kienet tindaqq l-Ave Marija u iktar tard tindaqq tal-Erwieħ biex niftakru fil-mejtin tagħna. Kienu jindaqqu sinjali għall-quddies, għall-Barka Sagramentali għal waqt il-Vjatku u t-Trapassjoni biex titħabbar il-mewt ta' xi ħadd. Għadhom sal-lum jindaqqu noti ferrieħa fil-ġranet tal-festi.

Bir-raġun li fuq il-bieb tal-kampnar twaħħlet lapida li tfaħħar lill-antenati tagħna li stinkaw bl-għaraq ta' ġbinhom biex bnew dan l-edifiċċju ta' kampnar taħt id-direzzjoni tal-Perit Guliermu Baker.



Fl-1901, il-faċċata tal-knisja tbiddlet. Il-pjanta għamilha Karlu Farrugia, wild ir-raħal tal-Gudja. Hi waħda mill-isbaħ faċċati fost il-knejjes Maltin. Karlu ddisinja żewġ kampnari u għalhekk il-knisja tal-Gudja hi l-unika waħda li għandha tliet kampnari. Barra mill-faċċata saru xi tibdiliet fil-bini tal-knisja. L-aktar bdil importanti sar fl-1858 meta l-inġinier William Baker iddisinja l-kampnar, li għalkemm ma kienx jaqbel mal-arkitettura tal-knisja, lin-nies tal-Gudja għoġobhom u bnewh. Il-Gudjani riedu wkoll li l-kampjar ikun komplut minn kollox. Wara li tpoġġew xi qniepen fih, waħħlulu kalamita biex il-knisja tkun imħarsa mis-sajjetti. Il-Gudja kienet l-ewwel raħal li nstallat kalamita fil-kampnar. Wara l-knejjes kollha mxew fuq l-eżempju tal-Gudja.